

31-07-2019 - 15:12

Nru ta' Referenza: 20190227ST028989

## Aċċessibbiltà: nagħmlu l-prodotti u s-servizzi fl-UE aktar faċli biex jintużaw



**Video**

[https://multimedia.europarl.europa.eu/en/european-accessibility-act-better-access-for-the-disabled\\_N01-PUB-190304-ACCE\\_ev](https://multimedia.europarl.europa.eu/en/european-accessibility-act-better-access-for-the-disabled_N01-PUB-190304-ACCE_ev)

L-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà għandu l-għan li jiġura li aktar prodotti u servizzi jkunu aċċessibbli għall-anzjani u għall-persuni li jgħixu b'diżabbiltà. Ara l-filmat tagħna.

Fl-14 ta' Marzu, il-Parlament approva r-regoli l-ġoddha mmirati lejn it-titjib tal-ħajja ta' kuljum tal-anzjani u tal-persuni b'diżabbiltà madwar l-UE u lejn il-ħolqien ta' **Ewropa aktar ġusta u aktar inklużiva**. Il-ftehim xorta għad irid jiġi approvat mill-Kunsill qabel ma l-leġiżlazzjoni tkun tista' tidħol fis-seħħi.

### Aktar prodotti u servizzi aċċessibbli

Aktar minn **80 miljun ruħ** jgħixu b'diżabbiltà fl-UE u ħafna minnhom isibuha iebsa biex jużaw prodotti ta' kuljum, bħal smartphones, kompjuters u kotba elettroniċi, u jiltaqgħu ma' problemi biex jiksbu aċċess għal servizzi ewlenin permezz ta' magni għall-qtugħ tal-biljetti jew ATMs.

Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD) tirrikjedi li l-UE u l-Istati Membri jiġuraw l-aċċessibbiltà. Huma meħtieġa miżuri fil-livell tal-UE biex jiġu stabbiliti rekwiżiti komuni ta' aċċessibbiltà għal prodotti u servizzi ewlenin.

L-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà jistabbilixxi standards għal prodotti u servizzi ewlenin:

- magni għall-qtugħ tal-biljetti u ċ-check-in
- ATMs u terminals oħra ta' ħlas
- kompjuters u sistemi operattivi
- smartphones, tablets u tagħmir tat-TV
- aċċess għal servizzi tal-midja awdjobiżiva u kotba elettroniċi
- kummerċ elettroniku
- xi elementi tas-servizzi tat-trasport għall-passiġġieri
- komunikazzjoni elettronika, inkluż in-numru tal-emerġenza 112

## Opportunitajiet għan-negozji u l-konsumaturi

Jekk ikun hemm standards komuni fil-livell tal-UE, l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jiżviluppaw liġijiet differenti? Tkun aktar faċċi u attrenti biex in-negozji jibigħu prodotti u servizzi aċċessibbli kemm fl-UE u kemm barra mill-UE.

Regoli ġodda jinkoraġġixxu l-kompetizzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u jippromwovu l-moviment liberu ta' prodotti u servizzi aċċessibbli. Huwa mistenni li l-konsumaturi jingħataw aktar għażla ta' prodotti u servizzi aċċessibbli u li titnaqqas l-ispiża tagħhom.

## Eżenzjonijiet għall-mikrointrapriżi

Minħabba d-daqs u r-riżorsi limitati tagħhom, japplikaw eżenzjonijiet għal xi mikrointrapriżi, li huma kumpaniji żgħar b'anqas minn 10 impiegati u b'fatturat jew karta bilanċjali annwali ta' anqas minn €2 miljun.

Madankollu, dawn il-kumpaniji se jkunu mħeġġa jimmanifatturaw u jqassmu prodotti u jipprovdu servizzi li jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tar-regoli l-ġodda.

Il-pajjiżi tal-UE se jkollhom jipprovdu linji gwida lil dawn il-mikrointrapriżi biex jiffaċilitaw l-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

## Skopri aktar

Fajl tal-proċedura

Segwi l-progress tal-proposta leġiżlattiva

Briefing



Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume Duch Guillot

Kuntatt: webmaster@europarl.eu